Minuti tal-wieħed u erbgħin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar, 2012 fis-7.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

2031 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 40 li saret fil-14 ta' Diċembru 2011.

**Item 2. Mill-Minuti**

2031 *(para. 1974)* Ta' Calamatta Landscaping għamlu x-xogħol kollu fir-Recreational Area ta' Daħla taċ-Ċnus, apparti s-siġra taż-żebbuġ fl-entratura għaliex il-kuntrattur li għamel l-kostruzzjoni tal-post ma kienx lesta l-ħofra meta nġabu s-siġar. Ta' J. Portelli Projects ġabu x-xogħol tal-għamara u lestew kollox.

*2032* *(para. 1975)* It-Transport Malta approvat id-*Double ellow Lines* ta' Triq Saguna faċċata ta' Triq it-Tin.

2033 *(para. 1976*) Ix-xogħol fuq ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Measure 323 inbeda. Il-laqgħa tal-Measure 313 u Measure 323 saret fis-16 ta' Diċembru 2011. Il-perit ġiegħel lill-kuntrattur tlett darbiet sabiex jaqla' l-ħajt għaliex kien qed jintuża ammont ta' ġebel issigat tal-barriera. Issa ix-xogħol hu miexi skont l-istruzzjonijiet tal-perit.

2034 *(para. 1979*) Id-dustbin twaħħal fil-Pjazza tax-Xelina bejn it-tieqa u l-bieb tal-klinika tat-tabib kif kien approvat.

2035 *(para. 1980)* Rigward il-bozza L009 li hemm fi Triq ta' Ċenċ fejn ir-roundabout (tal-Venun) ġiet imkabbra.

SANNAT

2036 *(para. 1983)* Rigward it-tender tal-provista tal-fanali ta' Triq Sannat, Calleja & Sons Ltd., il-Kunsill ġie nfurmat li dawn waslu l-port u sal-aħħar ta' Jannar ikunu għandna. Kif jaslu, il-kuntrattur tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq jiġi nfurmat ħalli jibda x-xogħol.

2037 *(para.1987)* It-tiżjin bid-dawl tal-Milied fi Triq Sannat, kif ukoll l-stilla ma' kull fanal tal-pjazza saru. Il-festuni ġew imdawla u tqabbdu mal-meter tad-dawl tal-uffiċċju tal-Kunsill il-ġdid meta l-kuntrattur kien iddikjara fit-kwotazzjoni tiegħu li l-meter tad-dawl hu b'xejn. Darba fil-bidu ta' Jannar, is-Segretarju daħal fl-uffiċċju l-ġdid u tela' fis-sular ta' fuq fejn innotta żewġ wires ħerġin mill-main switch tad-dawl tas-sular ta' fuq. Dan qala' l-wires mill-main switch meta nduna b'dan għaliex kien ikkonettjat miegħu t-tiżjin tal-Milied tat-triq mingħajr awtorizzazjoni tal-Kunsill. Dan seta' kellu konsegwenzi serji, apparti li l-kuntrattur ma mexiex mal-kwotazzjoni. Hu għandu jiġi mitlub jiġi jiltaqa' mal-Kunsill.

2038 *(para. 1993)* Rigward il-WiFi internet, il-Go PLC għaddew l-linja fil-bar tas-Soċjeta' Muzikali V. M. u ġie transferit il-modem. Richard Cauchi għandu jiġi biex jagħmel ix-xogħol konness biex is-sistema tkun tista' taħdem. Bħala kaxxa tal-aluminium għandha tiġi ordnata għand Malchom Pisani. Dan għandu jiġi ordnat biex jirranġa ż-żewġ tabelli Merħba li għandhom is-saqajn miksura. Dan għandu jiġi mitlub stima tax-xogħol.

2039 *(para. 1994)* Rigward il-kwotazzjoni tal-mappa tal-lokalita' saret applikazzjoni għand il-MEPA biex huma jipprintjaw il-mappa fuq CD. Ġejna nfurmati li din trid tkun ta' 2 metri x 1 metru jew 1.5 m 0.75. Il-Kunsill qabel li din għandha tkun ta' 1.5m x 0.75m.

2040 *(para. 1996)* Emanuel Curmi żabar is-siġar ta' Triq il-Kbira kif ukoll is-siġar ta' Triq Dun Lażru Camilleri. Għal dan iż-żbir inġab open skip.

2041 *(para. 2008)* Rigward Memo 24/2009: Skema ta' finanzjament għall-aċċessibilita' aħjar fil-lokalita', il-Kunsill bagħat l-irċevuti li kellu rigward il-toilets għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Hekk kif ikollu l-irċevuta fiskali tal-lift li issa hu lest, din tintbagħat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill ingħata sal-31 ta' Diċembru 2011 sabiex ilesti dan ix-xogħol fl-uffiċini tal-Kunsill. Ix-xogħol tal-pit tal-lift tlesta. Il-kuntrattur tal-installazzjoni tal-lift ġie nfurmat u ġie mitlub jibgħat il-kopja tal-kuntratt tal-Kunsill. L-oriġinal għadu ma bagħtux. Il-lift lest imma għad irid jiġi l-electrician tal-kuntrattur u jsiru il-koxox tal-bibien tal-lift. Rigward dan trid tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet.

*2042* *(para. 2014*) Rigward l-applikazzjoni tal-Eco-Għawdex u Żvilupp Reġionali għal *Pedestrianisation of open space at Triq Skerla* intalab l-permess tal-Transport Malta. Dawn talbu li jsir xi tibdil. Il-perit kien iltaqa' ma' Ruben Said u fehmu s-sitwazzjoni. Nhar il-Ġimgħa, fil-11.-00a.m. għandha ssir laqgħa fl-uffiċju tat-Transport Malta mal-perit tagħhom. Il-Kunsillier Teddy Bajada għandu jattendi għal din il-laqgħa. Il-perit ma jistax jattendi għaliex ser ikun imsiefer.

2043 *(para. 2018)* Ittra mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li l-avviż ta' smiegħ tal-MEPA dwar l-Applikazzjoni PA/02161/10 u l-Appell Nru. 00779/11 ser isir fil-1 ta' Marzu 2012. Il-Kunsill għandu jattendi għal dan l-appell.

2044 *(para .2019)* Rigward ix-xtieli bil-qsari mejta u li hemm fil-ġnien ta' Triq il-Kbira hemm tmien pjanti mejta. Fir-rigward ta' Triq it-28 ta' April irridu sbatax-il pjanta. Dawn għandhom jinxtraw.

2045 *(para. 2021)* Il-kawża tal-Barumbara ġiet transferita għat-22 ta' Marzu 2012 biex titkompla.

2046 *(para. 2022)* Rigward it-talba tas-Sur Ruben Vella ta' Triq Ta' Ċenċ sabiex issir bozza ġdida għaliex hemm id-dlam, saret rakkomandazzjoni mill-inġinier ta' Galea Curmi Consultants. Huma rrakomandaw sabiex issir waħda ġdida mad-dar 52 u li hemm ma' ta' John Calleja, 'il ġewwa mill-bini teħel faċċata tiegħu. Dawn ġew approvati.

2047 *(para. 2023)* Rigward il-bozza l-ġdida ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 kantuniera ma' Triq Qortina, is-Sur John Hili qal li fl-lokalitajiet oħra saru wires bojod mal-faċċata u l-Enemalta jippermettu dan. Il-Kunsillier Joseph Bajada qal li bozoz bil-wires bħal dawn jeżistu minnhom f'lokalitajiet oħra.

2048 *(para. 2024)* Rigward Johnny Cauchi li kien għamel ir-recording ta' Notte Scarlata 2010 tad-dramm għadu taniex kopja tiegħu. Dan ġie jiltaqa' mal-Kunsill. Hu qal li hu ta kopja tar-recording darbtejn, imma hu ma jistax jagħti kopja lill-Kunsill direttament minħabba l-*copy righ*t. Hu ġie nfurmat li biex jitħallas irid ikun hemm kopja għand il-Kunsill għaliex ma jistax jitħallas jekk ma jkollux kopja tar-recording ta' Dramm ta' Notte Scarlatta tal-2010. Hu għandu jkellem lill-Kumitat ta' drama. Ġie Ronnie Dimech tal-Power Sound li ta s-servizz tas-sound fl-attivita' Talent Sannati ta' Jum Sannat 2011. Dan kien previst li jsir fil-pjazza, imma minħabba l-maltemp sar ġewwa s-sala tal-iskola bil-konsegwenza li kellu jipprovdi apparat iżjed għall-attivita' bħal *walkie talkies* u xi apparat ieħor. Il-Kunsillier Teddy Bajada qal li hu ma jaqbilx li jitħallsu l-ispejjeż extra għaliex il-Kunsill ma kienx infurmat u din kienet ingħatat b'sejħa għal kwotazzjonijiet. Il-parti extra tal-kont ġiet approvata b'erba' voti favur u wieħed kontra. Għal darba oħra meta jkun hemm xi ħaġa simili għandu jiġi nfurmat is-Segretarju minn qabel. Ġie Philip Formosa li għamel l-bibien tal-Kalkara tal-Ġir. Dan għamel il-bibien tal-marine plywood meta skont il-kwotazzjoni kellhom ikunu tal-aħmar u *panelled doors* ta' 7.5cm ħxuna, skond id-disinn li kien hemm mal-istess kwotazzjoni. Intqal li dan sar fuq parir tal-perit. Il-perit kien ċaħad dan bil-miktub u kompla qal li hu qal lis-Sindku u lil Formosa li hu ma għandu x'jaqsam xejn mal-Kalkara tal-Ġir. Is-Segretarju qal li dan imur kontra l-proċeduri finanzjarji u tat-tendering u mhux skont is-sengħa u l-arti li jintuża dan it-tip ta' materjal. Formosa qal li hu qal lis-Sindku dwar il-materjal. Apparti dan kollu, f'bieb minnhom kellha ssir tieqa żgħira u ma saritx. Is-Segretarju għandu jivverifika rigward it-tieqa mal-perit tar-restawr tal-Ministeru għal Għawdex.

2049 *(para.2026)* Rigward l-applikazzjoni tal-ġnien ta' Triq il-Gruwa, il-perit qal lis-Segretarju biex niltaqgħu miegħu fuq il-post.

2050 *(para. 2028)* L-ikla għal żmien il-Milied għal Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill saret fit-13 ta' Jannar 2012.

**Item 3. Korrispondenza**

2051 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2012 ser tkun ta' €208,572 u ser tkun maqsuma hekk:

Funzjoni

| | |
|---|---|
| Parki, Ġonna u Soft Areas' | € 4,130 |
| Manutenzjoni tat-toroq | €58,861 |
| Immaniġjar tal-iskart | €42,982 |
| Nefqa għall-amministrazzjoni | €80,316 |

| | |
|---|---|
| Fond għal aġġustament | €10,782 |
| Ammont allokat għal Tipping fees | €11,498 |

2052 Memo 120/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill ser jingħata €466 għal librerija għas-sena 2012. Il-Kunsill għandu jixtri Filing Cabinet għal kotba tal-librerija.

2053 Memo 121/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-għeluq tas-Sena Finanzjarja 2011.

2054 Memo 122/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar.

2055 Memo 123/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Projbizzjoni ta' tipjip fi Playgrounds jew Ġonna Pubbliċi.

2056 Memo 124/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Sejħa għall-offerti ta' Servizzi ta' Authorised Officers.

2057 Memo 01/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward kors dwar Nuqqasijiet li irriżultaw mill-verifika tal-Kunsilli Lokali.

2058 Memo 02/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2012.

2059 Memo 03/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward stedina għal Presidenti Reġjonali, għas-Sindki, Kunsilliera, Chairpersons u membri tal-Kumitati Amministrattivi.

2060 Memo 04/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Linji gwida għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali.

2061 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal *Information Day and Business Breakfast launching the UBEACT 11 Programme*. Dan ser isir fit-30 ta' Jannar 2012 fil-Palace Hotel, Sliema.

2062 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwr seminar li ser isir dwar Second Call for Standard Projects li ser isir fis-27 ta' Jannar 2012.

2063 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn talbu *update* dwar il-PPP.

2064 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sottomisjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnaqqis mill-allokazzjoni peress li bagħtu d-dokumenti relatati mal-awditjar tal-accounts tard. Intbagħtet risposta fejn ġew spjegati l-fatti.

2065 Kien hemm stedina għal konferenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal Kunsilli Lokali li ser jirċievu finanzjament mill-Iskema ta' Inizjattivi u Attivitajiet 2012. Din saret fit-28 ta' Diċembru 2011. Il-Kunsill ser jingħata €2,000 bħala għajnuna.

2066 Ittra mill-Kumitat Celebrazjonijiet Nazzjonali u Regjonali li fil-ġranet li ser jiġu organizzati l-attivitajiet mill-istess kumitat mhux ser jitħallew jieħdu sehem fl-lokalitajiet oħra. It-Tnejn 20 ta' Frar 2012 mhux inkluż.

SANNAT

2067 Ittra mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said (illum Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja) dwar il-proġett "L-Europa fuq ir-Roti" fejn ser jiġu organizzati tours b'xejn fuq il-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Europea. Dan il-proġett ser jibda f'Jannar 2012. Dawk il-persuni li jieħdu ħsieb gruppi ta' anzjani, tfal u adolexxenti u skejjel li huma nteressati f'dawn iż-żjarat jikkuntattjaw lis-Sur Franco Ciangura.

2068 Ittra mid-Direttorat tatr-Tmexxija tal-Proprjeta' tal-Gvern rigward ir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ Measure 323 fejn talbu kopji tal-permessi tal-MEPA u jekk hemm bżonn il-firem tal-*co-tenants*. Huma qalu li jekk inbeda x-xogħol qabel dan, il-permess jiġi nvalidat. Il-perit ġie infurmat dwar dawn il-pjanti.

2069 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjonijiet għal permessi tal-MEPA li ġew validati huma PA 02405/09 tal-Bidwi Park u oħra biex jiġi transferit farm tan-ngħaġ ta' Toni Vella off Triq Bardan PA/05167/09.

2070 Is-Sur George Azzopardi bagħat kopja tar-rapport tal-wied ta' Mġarr ix-Xini li sar mill-Professur Carlo Girolamo.

**Item 4. Ftuħ tat-Tender għat-Tindif tat-Toroq Urbani**

2071 *(para.1990)* It-tender tat-tindif tat-toroq urbani ħarġet u għalqet fis-19 ta' Diċembru 2011. L-uniku tender li kien hemm kienet:

**Tender 09 / 2011**
**Tender for the Service of Urban Street Cleaning**

**Closing date 19th December 2011 (Opened on 24th January 2012)**

| No. | Contractor | Amount |
|---|---|---|
| 1 | Sannat Lions F.C. | €10,332.00c |

Il-Kunsill approva din l-offerta. Il-kuntrattur għandu jibda x-xogħol immedjatament.

**Item 5. Ir-Rapport tal-inġinier dwar il-kwotazzjonijiet tal-PABX**

2072 *(para. 1984)* Rigward il-kwotazzjonijiet tal-PABX (Nru. 7/2011) għall-uffiċini tal-Kunsill Amministrattiv il-ġdid, ir-rakkomandazzjoni tal-Galea Curmi Consultants saret u irrakommandaw dik ta' Strand Electronics Ltd. għaliex hi l-irħas waħda u skont l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Din ġiet approvata u l-kuntrattur għandu jiġi mitlub jibda x-xogħol.

**Item 6. Laqgħa tal-Lokalita'**

2073 Il-laqgħa tal-lokalita' ser issir nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar 2012 fis-7.30 p.m.

**Item 7. Il-Karnival 2012**

2074 Il-programm għal Karnival ta' din is-sena ser jerġa' jsir fil-pjazza nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012. Mistiedna għal din l-attivita' għandu jkunu mistieden il-grupp ta' daqq folkloristiku San Bert. Magħhom għandhom jiġu mistiedna gruppi ta' żeffiena. Is-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita mhix ser tieħu sehem fil-karnival biex jipparteċipaw f'Jum Sannat. Għandha tinħareġ il-kwotazzjonijiet għall-provdiment tas-sound għall-attivita' tal-Karnival. Dan irid ikun inxurjat. Għandhom jinkrew mitejn siġġu għall-pubbliku. Il-Kunsill irċieva xi applikazzjonijiet.li kienu ta' Audette Camilleri, Banda Santa Maria tas-Żebbuġ, tal-Aurora u tal-Għaqda Dilettanti tal-Karnival. Dawn tal-aħħar qalu li qed joffru 30 minuta ta' żfin bil-parteċipazzjoni ta' 80 żeffiena u b'kostumi mill-kbar. Huma talbu €300. Rigward il-ħlas intqal li dawn jgħidu li ser joffru ammont ta' ħin u jagħmlu inqas. Il-ħlas għandu jiġi deċiż darba oħra. Għandha tinġieb il-kukkanja.

Bħala kompetizjonijiet għandu jkun hemm tliet katergoriji li huma:

**Kategorija (A) - Kostumi Karnivaleski**

Din tkun maqsuma fi tnejn. Waħda għal dawk il-kompetituri mir-raħal u oħra għal kompetituri barranin. Għandhom jingħataw l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju f'kull kategorija.

**Kategorija (B) - Maskarati Spontanji**

Din il-kompetizzjoni ser tkun għall-aħjar maskarati spontanji, ser jingħataw premijiet għal minn jiġi fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet post.

**Item 8. Materja oħra**

2075 Rigward l-Upgrading ta' Ta' Cenc Junction, Transport Malta talbu li jsiru pjanti ġodda li juru STOP signs li jkunu *perpendicular* mal-flow tat-traffiku fuq it-triq primarja. Rigward din l-applikazzjoni fil-Kunsill kien hemm min oġġezzjona rigward il-parking li sar fil-ġenb ta' din il-junction u għalhekk il-perit għandu jiġi mitlub jirranġa l-pjanta.

2076 Peress li s-sistema kompjuterizzata bidet tiffunzjona, il-Kunsill qabel li l-ħinijiet tal-ftuħ il-ġodda tal-librerija jkunu hekk:

Nhar ta' Tlieta mid-9.30 a.m. – 12.00 p.m.
Nhar ta' Ħamis mis-2.30 p.m. – 04.30 p.m.
Nhar ta' Sibt mid-09.30 p.m – 12.00 p.m.

2077 Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-kuntratt tar-Ready Mix Concrete and related materials, Kuntratt 06/2010 ma' Gatt Enterprises Ltd. għal sena oħra.

2078 Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-kuntratt tal-*cleaner* tal-uffiċċju tal-Kunsill għal sena oħra.

2079 Il-Kunsill qabel li hemm bżonn tal-patching f'diversi toroq għaliex hemm ħafna ħofor kbar. Il-kuntrattur Joseph Magro għandu jiġi ordnat jippeċċja l-ħofor il-kbar li hemm fit-toroq tal-lokalita'.

2080 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-playing field hemm diversi ħsarat li hemm bżonn jitranġaw. Dawn huma: bandla li għandha bżonn jinbidel is-seat tagħha, hemm tabella nieqsa, hemm il-ġebel tal-ingaljatura tal-kamra maqlugħ, hemm kanna isserrata u misruqa, hemm bżonn taż-żebgħa u bdil ta' dustbin li hu miksur. Il-Kunsill qabel li ma jsirux spejjeż għaliex il-playing field għandu jiġi rinovat wara li jingħata l-flus mill-Iskema tal-Playing Fields li l-Kunsill applika għaliha jew mill-UIF Funds.

2081 Il-Kunsill qabel li tinxtra *Money dedector* għall-uffiċċju għaliex hawn il-flus foloz jiġru fl-idejn.

2082 Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn ta' diversi għamara għall-uffiċċju l-ġdid li huma:

Key cupboard għaċ-ċwievet, front office desk, sofa jew siġġijiet għal waiting area, wall to wall unit għal arkivju, kitchen cabinet, xkaffar u cupboard fil-garaxx għall-għodda, notice board fuq barra, letter box, Logo/isem tal-Kunsill, plakki ġħal uffiċini, skrivanija u unit għal uffiċċju tas-Sindku. Il-Kunsill approva li dawn jiġu ordnati.

2083 Rigward il-bibien u twieqi tas-sular ta' isfel is-Segretarju ppropona li jsiru bibien tal-ħadid iggalvanizzat għas-siġurta'. Ġie propost li jsiru CCTV cameras bħala sigurta'. Il-Kunsill għandu jara x'irid isir minħabba l-assigurazzjoni tal-post.

2084 Fir-rigward tal-airconditions, is-Sindku ppropona li jintużaw dawk it-tnejn li hemm fl-uffiċċju preżenti.

2085 Il-Kunsill ma qabilx li jinxtara generator għal ħaddiema biex jaħdmu fuq barra.

2086 Il-Viċ Sindku ippropona li jitpoġġa dustbin fi Triq l-20 ta' Lulju fejn ta' Ġużeppa Camilleri. Dan ġie approvat.

**Item 9. Għeluq tal-Proġett Daħla taċ-Ċnus**

2087 *(para. 1973)* Rigward it-tender 05/2011 għall-kostruzzjoni tal-proġett tar-recreational area ta' Daħla taċ-Ċnus, il-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. kompla x-xogħol. Il-perit qallu biex iħawwel is-siġra taż-żebbuġ peress li huma (Gatt Tarmac Ltd.) ma kienux ħasbu għas-soft area fejn kienet ġejja s-siġar u baqgħu għaddejjin bil-paving minkejja li kienet murija fuq il-pjanta. Il-kuntrattur li ġab is-siġar Calamata Landscaping ħawwel is-siġar kollha ħlief għal din minħabba li ma setax iħawwilha fuq il-paving. Gatt Tarmac Ltd ma iridx iħawwilha. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li irridu naħsbu għal tank tal-ilma fuq in-naħa ta' fuq tas-sit u fuq il-ħamrija jsiru l-pipes tad-drip. F'kaz li ma jsirx hekk fis-sajf trid issir tisqija darbtejn fil-ġimgħa permezz ta' bowser. Sar qbil tinħareġ kwotazzjoni għat-tqaxxir tal-blat, oħra għal mili tal-Grass Blocks bil-ħamrija u kompost kif ukoll oħra għal blata biex teħel irħama magħha. Il-perit għandu jiġi nfurmat biex jipprepara l-kwotazzjonijiet neċessarji. Ta' J. Portelli Projects ġabu x-xogħol tal-għamara u lestew kollox. Il-Kunsill ingħata estensjoni sa l-aħħar ta' Frar biex ilesti l-proġett minn Eco-Gozo.

**Item 10. Ħarġa għal Kulħadd.**

2088 Il-Kunsill qabel li jsir ħarġa għal kulħadd fil-10 ta' Frar 2012. Dawn għandhom jittieħdu l-Kon-katidral tal-Belt, il-playing field ta' Ħad-Attard u r-Rabat.

SANNAT

**Item 11. Ilmenti**

2089 Maria Buttigieg (il-mara ta' Frangisk Buttigieg) Taż-Żebbuġa Triq Dun Luqa talbet biex isir bankina malli jispiċċa Il-bini (quddiem ta' ħaddiehor) billi l-stat ħażin tat-triq qed jikkawzala ħafna ħsara fil-proprjeta' tagħha. Dwar l-ilment tagħha, intbagħtet ittra lill-Ministeru għal Għawdex u Dipartiment tal- Proġetti u Żvilupp biex issir kostruzzjoni ta' triq u bankini sal-bini tagħha. Dan l-ilment wasal għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill ma għandu x'jaqsam xejn mal-kostruzzjoni ta' din it-triq u hi responsabilta' tal-Gvern.

2090 Ilment minn Marlene Muscat rigward ipparkjar ħażin fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri kantuniera ma' Triq it-28 ta' April 1688. Dwar dan l-ipparkjar inġibdet l-attenzjoni li dan l-ipparkjar hu ħażin u ma hemmx bżonn ta' sinjali biex jinħarġu l-kontravenzjonijiet.

2091 Teddy Ellis talab biex isiru aktar signs "No dog litter" fi Triq Skerla. Il-Kunsill qabel li titpoġġa tabella oħra.

2092 Karmenu Gauci, "Tajra House', Triq Cocco Palemeri ilmenta biex tiġi rranġata l-bankina tal-paving blocks għaliex hi perikoluża. Il-Kunsill approva li din tiġi rranġata.

2093 Joseph Portelli ta' 53, Triq it-Tilliera ilmenta li l-garaxx li għandu fi Triq Xabbata kantuniera taħt it-tieqa saret il-bankina u l-qatran tagħha tgħattiha u issa qed issirilha l-ħsara u diġa hemm żewġ filati melħ 'il fuq mill-bankina. Hu talab biex jinkixef il-qatran. Hu qal li lest li jixtri l-qatran hu stess. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-IPSL sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

2094 Ilment ta' Marlene Muscat dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Mġarr ix-Xini. Rigward dan ġa saret talba bil-Customre Care lill-Ministeru għal Għawdex.

2095 Daħal ilment li fil-latrini pubbliċi hemm xi sinks miżdudin u qed jimtlew bl-ilma. Il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat sabiex jieħu azzjoni sabiex jinfetħu.

2096 Fi Triq ta' Ċenċ fejn il-Girna Restaurant kantuniera faċċata ta' Triq Dun Luqa hemm bżonn ta' bankina. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li dan għadu mhux lest mix-xogħol kollu ta' servizzi.

2097 Fi Triq it-Tempju tal-Imramma fil-parti l-ġdida fejn inbena dan l-aħħar li kienet barriera, ir-residenti qed jimtlew bl-ilma tax-xita li qed jidħol fil-proprejta' tagħhom. Huma talbu sabiex jingħadda d-drenaġġ, tiġi resurfaced it-triq u jsiru l-bankini sabiex jiġi evitat milli jkompli jidħol l-ilma fil-proprejta' tagħhom. Għandha ssir talba bil-Customer Care.

**Item 12. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

2098 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skont Skeda Nru. 20 annessa mal-Minuti.


Kunsill Lokali – Ta' Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

Il-laqgħa spiċċat fil-10.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku